MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 121/2012

**Carmelo Vella f'isem u**
**in rapprezentanza ta' Vella Brothers**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Vella tal-11 ta' Lulju 2012 kontra r-rifjut tal-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Gunju 2012 ghall-applikazzjoni PA 6918/07;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet illi l-appell kellu jigi rigettat u d-decizjoni tat-Tribunal tigi konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:
Ikkunsidra:

A. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, fit-30 ta' Lulju 2008, irrifjutat l-applikazzjoni outline development permission PA 6918/07 "Quarry No. 9, Panoramic Road, Qasam il-Kbir, I/o Qrendi: To reactivate disturbed part of hardstone quarry outlined in red using cutting machinery or alternatives in a phase program and prepared plan for rehabilitation. Areas to be quarried are A, B, C and D."

Il-hames ragunijiet ghar-rifjut kienu s-segwenti:

"1. The proposed development would have an adverse impact on a Class A World Heritage Archaeological site.

2. The proposed development lies in an Area of Ecological Importance, Area of High Landscape Value, Site of Scientific Importance and Area of Archaeological Importance.

3. The Malta Environment and Planning Authority will not permit the development of any Structure or activity which in the view of the authority would adversely affect scenic value because it would: Obstruct a pleasant and particularly a panoramic view.

4. The proposal runs counter to Structure Plan Policies MIN5, MIN9, RC01, RC04, ARC2, ARC3, ARC4.

5. Local Plan Policies NWQDI, NWQD2 and NWQD3 designates the site as An Area of Archaeological Heritage Park and no quarrying will be permitted within 1 km of the Park, in order to ensure protection to the World Heritage Prehistoric Temples."

B. In-nota tal-Perit Anthony Fenech Vella ghall-Appellant nomine,ipprezentata fl-1 ta' Settembru 2008, inter alia l-punti segwenti:

"Ir-raguni ewlenija hi li llum gie fuq is-suq tip ta' makkinarju li jista' jqatta il-blat fi blokki, bla hsejjes bla

trabijiet u bla possibilta anke ta' mminar li b'hekk din il-materja prima u unika li li hawn f'pajjizna tinhadem bla ma jigi disturbat kemm in neighbourhood u lanqas il-vizwali taz-zona ta' madwarna, specjalment tas-sit arkeologici. Dawn il-blokki jistghu imbaghad jingarru il-barra u jigu processati ghal zrar jew folji f'barriera ohra vicina proprjeta ta' l-istess applikant.

Ga meta kien hemm l-operazzjoni ta' qabel li kien jinvolvi spluzzivi, kienet qed issir tant attenzjoni li l-monitoring maghmul minn nies tal-MEPA stess, wera li il-vibrations mill-ispuzzjonijiet kienu ferm taht l-istandards mnedija minn Konan & Shuring for Neolitih Temples (ittra ta' Dr. Godwin Cassar lill-Bord ta' l-Appell, f'PAB 146/94, datata 21-10-96).

Fit-tieni lok irridu infakkru lill-Bord li l-bzonn ta' dan il-materjal hu fundamentali ghas-settur ta' kostruzzjoni peress li hu, probabilment, l-aktar qawwi ta' kwalita f'pajjizna meta ninsabu f'era ta' l-uzu tal-konkos fis-sistemi ta' kostruzzjoni kollha taghna, inkluz anke il-bini ta' high rise u strutturi kbar li jirrikjedu grades dejjem aktar gholja ta' konkos. Il-MEPA hi inkarigata mill-istess Pjan ta' Struttura (MIN2) sabiex tipprepara pjan ta' risorsi ghal 20 sena li gejja u jekk wiehed jara kemm ghalqu barrier jew kemm ohrajn sabuha aktar facli li jieqfu mill-attivita u jifthu il-barrieri taghhom ghat-tfiegh ta' zibel, wiehed jara kemm il-MEPA ma tkellmet anqas xejn f'dan ir-rigward; ma ghamlet l-ebda forma ta' valutazzjoni fuq il-vantaggi u zvantaggi b'mod globali fuq il-ftugh jew le ta' din il-barriera mill-gdid. Allura kif tista' takkuzana li ser naghmlu impatt ambjentali negattiv?

Fit-tielet lok, ahna ma nistghux naccettaw l-argument ta' tichid minhabba li skavar mhux permissibbli f'ragg ta' 1km meta hi stess approvat t-tqattiegh ta' blat ta' certa entita fil-kostruzzjoni recenti tal-Visitor's Centre li jinsab 80m biss il-boghod mit-tempju ta' Hagar Qim, metri l-eqreb post taghna huwa 500m mit-tempju ta' Mnajdra. Lanqas ma nistghu nacettaw l-argument ta' impatt vizwali negattiv fuq il-panorama meta nistghu inhallu l-ucuh tal-blat li hemm ghax nuzaw sistema ta' mini, meta m'ahniex qed

nibnu l-ebda struttura u meta minkejja rakkomondazzjoni negattiva kontra l-pozizzjoni ta' Visitors Centre il-gdid (PA 2697/02) mill-Heritage Advisory Committee (HAC) stess, fejn dan il-kumitat anzi wera qbil shih mal-proposal taghna (parti mill-pjan generali ta' ri-abilitazzjoni) li dan ic-centru jigi llokat fil-barrier taghna, taht l-art fejn ma tidhirx assolutament. Hawn l-stratt tal-minuti tal-laqgha li saret biss gimgha qabel l-applikazzjoni ttellghet ghal Bord, cioe fit-8 ta' April 2008."

C. In-nota ta' Lorinda Vella ghall-Awtorita, ipprezentata waqt is-Seduta numru 36, mizmuma fil-31 t'Ottubru 2008. Man-nota gie sottomess kopja tad-DPA Report in sostenn tar-ragunijiet ghar-rifjut.

D. Ix-xhieda ta' Dott. Tony Pace, Sovrantendent tal-Patrimonju Kulturali, prodott mill-Appellant nomine, moghtija bil-gurament waqt is-Seduta numru 15 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, mizmuma fil-15 ta' Mejju 2009.

"Jiena nikkonferma li jiena kont oggezzjonajt ghal applikazzjoni tas-sit biex il-barriera tieghu terga' tigi ri-attivita, u dan ghamiltu fit-12 ta' Marzu 2008. Il-qofol tal-oggezzjoni taghna kienet fis-sens illi jidhrilna illi hdejn it-tempji tal-Imnajdra u kif ukoll ta' Hagar Qim m'ghandux jkun hemm barrieri industrijali fuq skala li kienet issir qabel ma waqaf il-permess li jidhirli li kien ghal habta tal-1994. Meta qed nghid fuq skala li kienet dak iz-zmien qed nghid illi fl-1994 jiena kont ktibt ittra lid-Direttorat tal-Ippjanar fejn jiena spjegajt li l-barrieri ghandhom jieqfu it-tnejn li huma u kont ghidt illi fost affarijiet ohrajn irid jitwettaq il-principju tal-polluter phase, il-barrieri jergghu jintlew u jsir restawr tal-pajsagg kulturali tal-ambjent tal-wied. Dawn il-proposti jiena nirritjeni li kienu jaqghu fil-mozzjonijiet tieghi, naturalment anke tal-Environment.
Qed nigi mistoqsi jekk nafx illi l-metodu ta' skavar fil-proposta tal-lum huwiex differenti mil-metodu li kien jintuza gabell-1994 jiena nghid, li wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn metodu ta' qtugh ta' blat u l-operazzjonijiet ta' barrieri industrijali. Dwar il-process tat-tqattiegh per se jiena ma nafx x'qed jigi propost ghaliex id-distinzjoni li naghmlu ahna mhux biss fuq teknika imma anke jekk

ghandux jkun hemm operazzjoni ta' barrieri fdak il-cultural landscape. Jiena nista' nghid illi fil-principju u fil-kapacita tieghi ta' Supretendent ta' Cultural Heritage kontra li jerga' jkun hemm ri-attivita tal-barrieri fl-inhawi. Jiena nghid li dak li ghamilt jien, jiena kont obbligat li naghmlu biex dan l-izvilupp ma jsirx."

E. Ix-xhieda ta' Nathaniel Cutajar, assistent sovrantendent tal-Patrimonju Kulturali, prodott mill-Appellant nomine, moghtija bil-gurament waqt is-Seduta nurnru 32 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, mizmuma fit-13 ta' Novembru 2009.

"Mistoqsi nispjega x'kienet il-bazi ta' rikornmandazzjoni li ahna ghamilna kontra din l-applikazzjoni, jiena nghid li din kienet l-istess posizzjoni li kien ha dak iz-zmien, id-Dipartiment fl-1994 u li hija riflessa fil-korrispondenza li ghadni kemm esebejt u nghid illi in sustanza, l-bazi principali hija li l-attivita ta' barriera indipendenternent minn kif jigi esegwit xoghol minn dik il-barriera m'huwiex kompatibbli mas-sit u dan ghaliex is-sit huwa a word heritage site u huwa ta' valur nazzjonali dinji u ghalhekk din it-tip ta' attivita mhijiex accettabbli. Irrid nghid illi, indipendentement, mit-tip ta' problema, sakemm ikun hemm l-icken problema, l-opposizzjoni trid tibqa' hemmhekk u din anke l-linja mal-posizzjoni illi tiehu l-UNESCO. Ghalhekk, mill-effetti naturali b'mod jew iehor fuq is-sit, fil-principju, ahna kontra l-izvilupp vicin dan is-sit. Irrid nispjega wkoll illi, fl-inhawi kien hemm anke applications u ahna wkoll oggezzjonajna ghalihom.
Mistoqsi liema l-ahhar darba li oggezzjonajna ghal zviluppi fis-sit vicin din in kwistjoni u ghalliema zvilupp qed nirreferi, jiena nghid illi, irrid naghmel il-verifika tieghi pero, fl-ahhar sena ahna oggezzjonajna anke ghal proposta tal-Heritage Malta il-ghaliex propju dehrilna li kien ser jaghmel impatt negattiv fuq is-sit u ghaliex kien jinvolvi anke rock cutting u dan biex issir fossa. Fil-fatt tlabnihom biex isibu alternattiva. Kif diga ghidt, il-progett ta' rock cutting, f’dan il-kaz, sa fejn naf jiena, ma sarx."

F. Ix-xhieda ulterjuri ta' Dott. Tony Pace, Sovrantendent tal-Patrimonju Kulturali, prodott mill-Appellant nomine,

moghtija bil-gurament waqt is-Seduta numru 19 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, mizmuma fid-19 ta' Novembru 2010.

"Nikkonferma illi d-Dipartiment tieghi, stqarr u kkonferma illi hemmhekk m'hemmx post ghal barrieri.
Qed tigi moqrija lili l-proposal kif maghmula fl-applikazzjoni u mistoqsi nghid, x'inhi l-posizzjoni tad-Dipartiment tieghi ghal dik il-proposta jiena nghid, illi hemm zewg posizzjonijiet. Wahda, illi l-barrieri m'hemmx posthom hemmhekk u nibqghu insostnu l-posizzjoni taghna li l-barrieri hemmhekk ghandhom jigu riabilitati. It-tieni pozizzjoni hi, li din l-applikazzjoni, mhux qed nifhimha il-ghaliex id-deskrizzjoni ta' dak li qed jigi propost li jsir m'hijiex cara bizzejjed. Irrid nghid, illi il-perm principali tal-posizzjoni tad-Dipartiment kienet fuq l-oggezzjoni ta' barriera fl-akkwati. Irrid nghid illi, fil-proposta hemm indikat cutting machinery pero jiena ma nafx x'cutting machinery qed issir referenza ghalih. Irrid nghid, illi a bazi tal-ewwel posizzjoni taghna illi jiena semmejt qabel, ahna fil-fatt lanqas tlabna kjarifiki ta' dan l-ilment illi qed naghmel jiena issa.
Qed nigi mistoqsi x'inhi r-raguni li hemmhekk ma rridtx illi jkun hemm barrieri jiena nghid, illi dik hija area importanti hafna ghal Wirt Kulturali Malti specjalment anke il-pajesagg kulturali u kien ghalhekk, illi sa zmien is-sittinijiet, dak iz-zmien id-Dipartiment tal-Muzewijiet, kien kontra li jkun hemm attivita ta' barrieri f'dawk l-akkwati. Jiena nghid illi ahna kellna wkoll concern dwar il-vibrazzjoni illi attivita ta' barriera tista' tohloq fl-akkwati minhabba it-tempji li hemm fl-inhawi, pero ma kienitx il-bazi principali. Mistoqsi x'impatt partikolari setghet halliet il-barriera partikolari fuq postijiet ta' importanza jiena nghid, l-impatt huwa fuq il-pajesagg kulturali. Meta nghid 'pajesagg kulturali' nghid kifhu definit fil-Ligi ta' l-Antikitajiet. Irrid nghid illi, ta' preokupazzjoni partikolari huma il-Misqa Tanks li qeghdin biss tletin metru 'l boghod mill-barriera in kwistjoni.
Nghid ukoll, illi n-naha l-ohra hemm il-katakombi li wkoll huma biss ftit metri 'l boghod mill-barriera.
Qed nigi mistoqsi jekk nafx illi il-proposta hija dwar tqattiegh in-naha l-ohra ta' fejn qed naghmel referenza

jiena u nghid, illi jiena nibqa' insostni illi ahna oggezzjonajna ghal prezenza tal-barrieri. Insostni illi l-metologija ta' tqattieq m'hijiex rilevanti ghalina il-ghaliex ahna nopponu ghal prezenza ta' barriera. Jiena naf, illi din hija barriera li kienet operattiva u ghal zmien twil kienet tinhadem. Irrid nghid ukoll, illi anke fil-perjodu twil li damet topera din il-barriera, kien hemm oppozizzjoni kontinwa mid-Dipartiment tal-Muzewijiet kontra l-barriera u biex tieqaf topera l-istess barriera. Jiena m'inhix f'posizzjoni nghid jekk iktar ma nersqu vicin it-tempju iktar issirx sensittiva l-attivita fil-barriera. Id-Dipartiment tieghi joggezjona ghal qualsiasi attivita li tista' ssir fil-vicinanzi li hija attivita mekkanizata. Pero, nispjega li hawnhekk jiena qed nifhem li hawnhekk qed nitkellmu fuq barriera industrijali li taqta' volum kbir ta' blat vicin World Heritage Site. Jiena nghid, illi meta sar il-visitors centre, id-Dipartiment tieghi ha interess fil-progett u naqbel wkoll illi, s-visitors centre huwa hafna iktar qrib it-tempju mill-barriera in kwistjoni. Nispjega illi biex sar il-visitors centre intuza makkinarju pero ma kienx l-estent ta' makkinarju daqs industrial quarry. Jiena nghid, illi trenching huwa kuncett kemmxejn differenti mill-attivita go quarry. Irrid nispega illi, fuq il-progett tal-visitors centre ahna ma kellniex oggezzjonijiet per se, pero kellna numru ta' kwalifiki li ghamilna ma' l-izviluppatur. L-izviluppatur kien Heritage Malta. Mistoqsi jekk ix-xoghol tal-visitors centre sarx bil-permess jew le jiena nghid, illi rrid niccekja u ma nafx. Jiena irrid nghid, illi dwar ix-xogholli sar fuq il-visitors centre nimmagina li fil-files taghna ghandna indikazzjoni tax-xoghlijiet li kienu se jsiru."

Ikkunsidra ulterjorment:

Il-mertu ta' dan l-appell jirrigwarda proposta sabiex tigi riattivata parti minn barriera tal-qawwi maghrufa bin-numru 9, f'sit li jinsab f'area of ecological, archaeological and scientific importance, u ta' high landscape value, fil-limiti tal-Qrendi. Il-proposta tinkludi it-tqattieh tal-gebel f’fazijiet kif ukoll ir-riabilitazzjoni tal-istess barriera galadarba jispiccala l-uzu.

Ir-ragunijiet ghar-rifjut huma predominantement ibbazati fuq il-fatt li s-sit jisab vicin Class A - World Heritage Site ta' valur arkeologiku (tempji preistorici), u li l-proposta hi in kontravenzjoni kemm tal-policies MIN 5, MIN 9, RCO 1, RCO 4, ARC 2, ARC 3 u ARC 4 tal-Pjan ta' Struttura kif ukoll tal-policies NWQD 1, NWQD 2 u NWQD 3 tal-Pjan Lokali.

L-aggravji tal-Appellant nomine jistriehu fuq il-fatt li l-operazzjoni kif proposta ma taghmilx uzu minn materjal splussiv, u li ser jintuza metodu ta' tqattieh avvanzat li mhux ser ikunu kagun tal-ebda' vibrazzjoni (eccessiva), u ghalhekk dan l-operat mhux ser ikun ta' detriment ghal-fdalijiet storici u arkeologici, u tal-karatteristici ambjentali li hemm fiz-zona.

L-Awtorita tirribatti l-argumenti mressqa mill-Appellant nomine inter alia permezz tax-xhieda tas-Sovrantendent u tal-Assistent Sovrantendent tal-Patrimonju Kulturali. Johrog car li l-oggezzjonabilita ghall izvilupp hi mhux daqs tant ibbazata kif ser tigi zvolta din l-attivita tal-barriera (i.e. metodu ta' tqattieh, etc.) izda pjuttost ghax ser tissokta attivita ta' natura industrijali gewwa zona li jixraqilha l-oghla tip ta' harsien ambjentali li tipprovdi l-ligi.

L-Appellant nomine juza bhala ezempju inter alia, l-bini tal-Visitors' Centre ta' Hagar Qim fejn allegatament saru xi trenching works; izda s-Sovrantendent jaghti x'jifhem li din it-tip t'operazzjoni kienet inevitabbli, u li fuq kollox kien kemm il-monitoragg tal-istess Sovrantendenza. In oltre gie spjegat kif dawn ix-xoghlijiet kienu wkoll ferm aktar limitati u ristrettivi minn a fully blown industrial activity. (Fil-fatt fic-cirkostanzi ntuza t-terminu 'trenching' minflok 'quarrying'). Jirrizulta li anke meta l-Visitors' Centre kien jinhtieglu li tinbena fossa, kienet instabet alternattiva sabiex ma jsir l-ebda rock cutting.

L-oggezzjonabilita ghal din il-proposta ghalhekk tirrizulta mill-fatt li barriera attiva ma ssibx posta gewwa cultural landscape - anzi, li kwalsiasi barriera fil-vicinanzi ghandha tigi riabilitata minnufih u minghajr ebda dewmien, sabiex jigi ppreservat l-ambjent taz-zona.

In oltre, jidher li l-proposta sabet oggezzjonabilita anke fil-fatt li l-hekk proposti 'cutting machinery or alternatives' indikati fit-titolu tal-applikazzjoni, qatt ma' gew sostenuti minn dokumentazzjoni serja sabiex jigi evitat kwasiasi ekwivoku. Fil-fatt, permezz tas-sottomissjonijiet tieghu, il-perit difensur tal-Appellant nomine jitkellem fuq 'tip ta' makkinarju [gdid fis-suq] li jista' jqatta il-blat fi blokki, bla hsejjes, bla trabijiet, u bla possibilita anke ta' mminar' - izda il-kif kien bi hsiebu jilhaq dan l-ghan, qatt ma gie spjegat jew sostenut b'dokumentazzjoni, etc. serja. Mill-banda l-ohra, jattakka lill-Awtorita li qatt ma sostniet l-argument taghha li din l-attivita hi detrimentali ghall-ambjent - argument li mix-xhieda moghtija jirrizulta nfondat.

Anke t-titolu tal-applikazzjoni hu vag: 'using cutting machinery or alternatives', u din il-frazi bhal donna thalli l-interpretazzjoni ta' kif dan kien ser isehh miftuha ghal kwalsiasi ntendiment.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, dan it-Tribunal hu tal-fehma opportuna li l-Awtorita gharfet imxiet tajjeb li tirrifjuta r-riattivazzjoni ta' din il-barriera - anke jekk kif jinsisti l-Appellant nomine li 'dan il-materjal hu fondamentali ghas-settur ta' kostruzzjoni'. Tajjeb li jigi osservat ukoll li tali dikjarazzjoni ghandha wkoll interpretazzjoni kuntrarja - ghax jekk ma jittiehidx attenzjoni, din il-materja prima 'tant importanti', xi darba' jew ohra ser tirrizulta fl-obliterazzjoni tal-kampanja daqstant ghaziza - inkluzi l-cultural landscapes ta' valur ta' patrimonju dinji bhal dan in ezami.

Ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, u fuq kollox sabiex ikun konformi mal-policies tal-ippjanar vigenti, dan il-Tribunal qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma r-rifjut ghall-PA 6918/07 mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, fit-30 ta' Lulju 2008.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. It-Tribunal naqas li jissindaka d-decizjoni tal-Kummissjoni u ma ndagax sewwa l-fatti tal-kaz senjatament:
a. In-nuqqas tas-sovrantendent li jissostanzja l-oggezzjoni tieghu u n-nuqqas li tinghata debita attenzjoni ghall-applikazzjoni;
b. Il-fatt li fil-vicinanzi tat-Tempji gew esegwiti xogholijiet ta’ skavar u kostruzzjoni beix jinbena visitor centre;
c. Id-decizjoni ma fihiex referenza ghall-punti sollevati matul id-determinazzjoni tal-applikazzjoni;
d. Id-decizjoni hi zbaljata meta jingahd li ma ngibux provi tal-makkinarju li kien intiz li ser jintuza;
e. In-nuqqas tas-sovrantendent li jkun jaf kemm hi l-boghod il-barriera mit-Tempji;
2. Il-file tal-Awtorita hu inkomplut ghax kien hemm diversi notamenti u doumenti esebit mill-appellant quddiem il-Mineral Board liema files ittiehdu mill-Mineral Board meta dan gie ritornat mill-Awtorita ghal Malta Resources Authority;
3. Il-bdil fil-kostituzzjoni tal-Bord ghat-Tribunal meta l-provi instemghu quddiem il-Bord u t-Tribunal iddispona mill-appell f’seduta wahda wara cahda ghal differiment tal-appellant.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju fih kwistjonijiet li huma purament ta’ fatt cioe interpretzzjoni, apprezzament, valutazzjoni u konsiderazzjoni dwarhom li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza tissindaka. Din il-Qorti tista’ tissindika biss punti ta’ dritt imqajma quddiem it-Tribunal. Ghalhekk il-kredibilita u kompetenza tas-sovraintendent tal-Patrimonju Kulturali mhux sindakabbli minn din il-Qorti.

Bl-istess mod anki jekk it-Tribunal interpreta hazin certu fatti jew addirittura kien zbaljat fl-enuncjazzjoni taghhom ma jfissirx li dan hu punt ta’ ligi u jista’ jigi determinat minn din il-Qorti sakemm dan il-punt ta’ fatt ma kienx il-fattur determinanti li fuqu strah it-Tribunal biex wasal ghal

konkluzjoni tieghu u allura jirrendi d-decizjoni ‘unsound’ u ‘unsafe’ u kwindi jikkostitwixxi punt ta’ ligi. F’dan il-kaz anki jekk it-Tribunal ghal grazzja tal-argument, zbalja meta qal li ma ngibitx prova tal-makkinarju li l-applikant kien ser juza ghall-eskavar, mhix il-prova determinanti li waslet lit-Tribunal jichad l-applikazzjoni. Dak li wassal lit-Tribunal jichad l-applikazzjoni hu n-nuqqas ta’ possibilta li jinghata permess ghal quarrying ai termini ta’ Structure Plan Policies MIN5, MIN9, RCO1, RCO4, ARC2, ARC3, ARC4, kif ukoll Local Plan Policies NWQD1, NWQD2 u NWQD3 li jiddetermina s-sit bhala ‘an area of archeological heritage park and no quarrying will be permitted within 1 kilometre of the park in order to ensure protection to the World Heritage Prehistoric Temples’.

Qari tad-decizjoni tat-Tribunal jindika li din kienet il-bazi fondamentali tar-rifjut u l-appellant fl-ebda stadju ma jidher li kien qed jinsisti li ebda wahda mill-pjanijiet u policies ma kinix applikabbli jew invece kienu japplikaw policies differenti. It-Tribunal bhall-Awtorita a bazi tal-artiikolu 69(1) u artikolu 41(13) tal-Kap. 504 li kien applikabbli fiz-zmien tad-decizjoni, ghandhom di rigore japplikaw il-pjanijiet u policies vigenti f’dak il-mument tad-decizjoni u filwaqt li jitqiesu kwistjonijiet ohra kif irid l-artikolu 69(2) dawn qatt ma ghandhom imorru kontra l-applikazzjoni tal-pjanijiet u policies dment li dawn ikunu cari u specifici u ma jaghtux eccezzjoni jew diskrezzjoni mod jew iehor lill-Awtorita u kwindi tat-Tribunal.

In kwantu ghal xogholijiet ohra li setghu saru fil-vicinanzi tat-tempji, din il-kwistjoni bl-ebda mod ma taghti xi dritt lill-applikant jew bazi ghal appell jekk fid-determinazzjoni tal-applikazzjoni tieghu jkunu gew applikati l-pjanijiet u policies korretti, salvu id-dritt tal-appellant li jfittex rimedji ohra fis-sede opportun izda zgur mhux quddiem din il-Qorti fil-parametri ta’ dak permess quddiemha. Madankollu ghal kompletezza t-Tribunal ukoll ikkunsidra dan l-ilment u ta r-ragunijeit tieghu ghaliex iz-zewg kazi ma kienux l-istess, fil-hames paragrafu tal-konsiderazzjonijiet ulterjuri tieghu u din il-Qorti ma ghandhiex tissindaka l-kwistjoni la darba giet determinata fuq kwistjonijiet ta’ fatti teknici.

Apparti dan ma jistax anqas jinghad li ma ttiehedx kont tal-varji punti mqajma mill-appellant. Il-fatt li t-Tribunal ma tahomx xi importanza partikolari ghas-soluzzjoni tal-vertenza billi bbaza primarjament id-decizjoni tieghu fuq dak li jridu l-pjanijiet u policies, ma jfissirx b'daqshekk li njorahom jew li din il-Qorti ghandha poter tobbliga lit-Tribunal jikkonsidra kwistjonijiet ta' fatt li t-Tribunal deherlu li jarahom mill-perspettiva li ghazel jindirizzahom.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

L-appellant jilmenta illi l-file tal-Minerals Board kellu notamenti u dokumenti rilevanti li ma baqghux disponibbli ghat-Tribunal meta dan il-Bord trasloka. Il-prova li dawn id-dokumenti kienu l-fonti principali tal-fatti li waslu ghal decizjoni zbaljata mit-Tribunal u ghalhekk jikkostitwixxi punt ta' ligi appelabbli jispetta lill-appellant. Din il-prova ma saritx u kif gia inghad il-kwistjoni quddiem it-Tribunal kienet aktar milli apprezzament ta' kif kien ser jigi utilizzat is-sit u l-metodi adoperati, jekk dan is-sit setax qatt jinghata permess biex jigi utilizzat meta jitqiesu l-pjanijiet u policies in vigore. Kwindi anki jekk hemm xi dokumenti neqsin, l-appellant naqas li jikkolega dan in-nuqqas mad-determinazzjoni ewlenija tat-Tribunal.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju ma fih ebda fondament. It-Tribunal hu s-sucessur legali tal-Bord tal-Appell skond il-Kap. 504 u l-Avviz Legali 27/2011. Il-fatt li l-kompozizzjoni inbidlet ma jfissirx li l-appellant gie svantaggjat b'xi mod u lanqas fil-fatt intwera dan fir-rikors tal-appell. Jinghad biss illi t-Tribunal donnu ried jaqta' l-kwistjoni malajr u cahadlu talba ghal differiment. Harsa lejn l-atti pero juru illi t-

Tribunal beda jaqdi l-funzjoni tieghu mit-28 ta' Frar 2011 u saret seduta fis-17 ta' Marzu 2011 fejn il-Perit Fenech Vella li kien qed jirraprezenta lill-appellant f'dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal ghax kien hu li pprezenta l-appell f'isem l-appellant, talab differiment ghax kien imsiefer. Saret seduta fl-20 ta' Settembru 2011 fejn deher l-appellant u l-Perit Fenech Vella. Dr. Paul Farrugia, difensur tal-appellant talab differiment ghax kien imsiefer. Ma sarx differiment pero gie koncess lill-Perit Fenech Vella li kien qed jirraprezenta lill-appellant qua l-Perit tieghu biex jaghmel nota ta' sottomissjonijiet fi zmien xahrejn li l-vertenza giet differita ghas-sentenza ghal 21 ta' Gunju 2012, cioe disa' xhur wara. Ma saret ebda oppozizzjoni ghal dan id-digriet ta' dakinhar fejn kien prezenti l-appellant u l-Perit tieghu u lanqas fid-disa' xhur sakemm inghatat id-decizjoni. Mhux lecitu ghalhekk ghall-appellant li jqajjem aggravju simili issa li ma fih ebda bazi legali li jimmerita konsiderazzjoni.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Gunju 2012. L-ispejjez jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------